# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**ILLUM 15 ta' Marzu, 2001.**

**Kawza Nru.**

**Citazz. Nru. 1518/00 JRM**

**Salvina PACE**

**Vs**

**DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

## 1. PRELIMINARI

Rat l-att tac-Citazzjoni tal-21 ta' Lulju, 2000 fejn l-istess attrici ppremettiet:

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-attrici, iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' Iskrizzjoni 10587/1948 (hawn anness u mmarkat Dok A fl-inkartament), fil-kolonna indikattiva tal-hin, jum, xahar

u sena tat-twelid, id-data tat-twelid tal-attrici get erroneament imnizzla bhala “10th December 1948”;

Illi fil-fatt l-attrici twieldet fit-3 ta’ Dicembru 1948, kif jirrizulta ukoll minn certifikati tal-Maghmudija taghha mahruga mill-Knisja Parrokjali ta’ Hal-Tarxien, (hawn anness u mmarkat Dok B u C fl-inkartament);

Illi l-attrici ghandha interess illi ssir id-debita korrezzjoni;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi ic-certifikat minnu ricevut fit-22 ta’ Dicembru 1948, li jgib in-numru ta’ Iskrizzjoni 10587/1948, liema certifikat jirreferixxi ghall-attrici, fis-sens illi fil-kolonna indikattiva tal-hin, jum, xahar u sena ta’ twelid, id-data “10th December 1948” tigi kancellata u sostitwita bid-data “3rd December 1948”;

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xiehda a fol. 3 tal-process mehmuza mal-inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali u d-dokumenti mehmuzin mieghu;

Rat li l-istess konvenut gie debitament notifikat fl-14 ta’ Settembru, 2000;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a fol 15 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, u dwar il-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz huwa m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ din il-kawza stante li t-tibdil rikjest mhuwiex attribwibbli ghal nuqqas da parti tal-konvenut;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 15 tal-process;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda tal-attrici u tax-xiehda taghha;

## **II. IL-MERTU TAL-KAWZA**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta’ l-attrici li jgib in-numru 10587/48 stante li hija qed tallega li fil-fatt hija twieldet fit-3 ta’ Dicembru, 1948 u mhux fl-10 ta’ Dicembru 1948 kif indikati bi zball fl-istess Certifikat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher car li sar zball fic-Certifikat tat-Twelid ta’ l-attrici, fis-sens illi giet indikata bi zball id-data ta’ l-10 ta’ Dicembru 1948 bhala d-data tat-twelid taghha minflok dik korretta tal-3 ta’ Dicembru, 1948, kif jinsasb ikkonfermat mic-certifikat tat-Twelid taghha esebit bhala Dok “B” a fol 7 tal-process u esebit a fol 8 tal-process bhala Dokument “C” mal-inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali minn fejn jirrisulta li l-attrici tghammdet fil-hamsa (5) ta’ Dicembru 1948;

Illi z-zewg (2) dokumenti msemmija, bhala mahrugin mir-registri ta' parrocca u t-tnejn li huma awtentikati kif imiss, jikkostitwixxu prova ghall-finijiet tal-artikolu 629(b) tal- Kap 12;

Illi mill-provi jirrizulta li verament sar zball fic-certifikat tal-attrici, u apparti li dawn il-provi mhux kontradetti, jidher li l-premessi gew ippruvati lkoll u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha;

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan li:-

(1) Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv ta' registrazzjoni 10587/1948 (Dokument A) billi fil-kolonna fejn jinsab imnizzel "l-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena" tigi mhassra c-cifra "10$^{th}$" u minflok tiddahhal ic-cifra "3$^{rd}$".

Illi l-Qorti tordna ukoll li ai termini tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonjiet tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attrici billi ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija**

*15 ta' Marzu, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**15 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Marzu, 2001.**